*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,162, 7 ta' Diċembru, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 288 tal-2023**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati whole-time għandhom jiżdiedu bi tnax-il euro u wieħed u tmenin ċenteżimu (€12.81) fil-ġimgħa. Żieda għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati part-time għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta' impjegati whole-time fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin (1/40) tar-rata ta' żidiet kif speċifikati fis-subartikolu (1).